2024/1435

27.5.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1435

tal-24 ta' Mejju 2024

li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/988 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward l-istabbiliment tal-mudell għal avviż ta' sejħa lura

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/988 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat tar-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) 2023/988, jekk l-informazzjoni dwar is-sejħa lura ta' prodott għal raġunijiet ta' sikurezza tingħata lill-konsumaturi bil-miktub, jenħtieġ li din issir f'għamla ta' avviż ta' sejħa lura. Skont l-Artikolu 35(4) ta' dak ir-Regolament, meta mhux il-konsumaturi affettwati kollha jkunu jistgħu jiġu kkuntattjati direttament, l-operaturi ekonomiċi u l-fornituri tas-swieq online, f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, għandhom ixerrdu avviż ċar u viżibbli ta' sejħa lura.

(2) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jirreaġixxu għas-sejħiet lura ta' prodotti għal raġunijiet ta' sikurezza, l-avviż ta' sejħa lura jenħtieġ li jkun ċar, trasparenti, u jiddeskrivi b'mod ċar il-periklu inkwistjoni. Ir-Regolament (UE) 2023/988 jistabbilixxi l-informazzjoni obbligatorja li avviż ta' sejħa lura jenħtieġ li jkun fih.

(3) Sabiex jiġi ffaċilitat u promoss approċċ konsistenti u prattiki uniformi madwar l-UE fir-rigward tal-avviżi ta' sejħa lura, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mudell għall-avviżi ta' sejħa lura ta' prodotti għal raġunijiet ta' sikurezza. Mudell uniku u standardizzat għas-sejħiet lura ta' prodotti għal raġunijiet ta' sikurezza jenħtieġ li jagħmilha aktar faċli għall-konsumaturi li jidentifikaw u jifhmu l-avviżi ta' sejħa lura, u jenħtieġ li jiżgura konformità aktar faċli u uniformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2023/988 għall-operaturi ekonomiċi u l-fornituri tas-swieq online.

(4) Ir-Regolament (UE) 2023/988 jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-mudell għal avviż ta' sejħa lura filwaqt li tqis l-iżviluppi xjentifiċi u tas-suq, u li tagħmlu disponibbli f'format li jippermetti lill-operaturi ekonomiċi joħolqu faċilment avviż ta' sejħa lura. L-aktar soluzzjoni teknikament xierqa biex dan il-mudell isir disponibbli tkun li l-Kummissjoni tippubblikah fuq is-sit web tagħha.

(5) L-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2023/988 jirrikjedi li l-avviż ta' sejħa lura jenħtieġ li jkun f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Dan jimplika pereżempju li meta avviż ta' sejħa lura jiġi kondiviż online, dan iqis l-istandards u l-aħjar prattiki għall-aċċessibbiltà għall-web. B'mod partikolari, jekk informazzjoni importanti dwar il-prodott imsejjaħ lura jew l-identifikazzjoni tal-prodotti kkonċernati mis-sejħa lura tkun qiegħda fi stampa, huwa essenzjali li tali informazzjoni tiġi spjegata sabiex tkun tista' tinqara mill-magni.

(6) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw il-proċessi interni tagħhom fir-rigward ta' avviż ta' sejħa lura, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-istess data bħar-Regolament (UE) 2023/988,

([1]) ĠU L 135, 23.5.2023, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-mudell għal avviż ta' sejħa lura f'konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2023/988.

Il-mudell huwa stabbilit fl-Anness.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dan il-mudell fuq is-sit web tagħha.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-13 ta' Diċembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Mejju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

[ISEM IL-KUMPANIJA] ISSEJJAĦ [PRODOTT]

Daħħal stampa(i) tal-prodott & indikazzjoni grafika ta' fejn jistgħu jinstabu n-numri ta' identifikazzjoni (jekk applikabbli)

Għall-verżjoni online tal-avviż ta' sejħa lura, huwa importanti li l-informazzjoni essenzjali li tinsab fl-istampa, speċjalment jekk tkun meħtieġa biex jiġi identifikat il-prodott imsejjaħ lura, tkun disponibbli wkoll f'format bil-miktub li jinqara mill-magni.

Inkludi deskrizzjoni ċara tal-prodott imsejjaħ lura, inkluża l-INFORMAZZJONI TA' IDENTIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT:

— Isem u l-marka tal-prodott
— In-numri ta' identifikazzjoni tal-prodott, bħan-numru tal-lott jew tas-serje u, jekk applikabbli, indikazzjoni grafika fuq il-prodott ta' fejn għandhom jinstabu
— informazzjoni dwar fejn, meta u minn min ikun inbiegħ il-prodott (jekk disponibbli)

GĦALIEX DAN IL-PRODOTT HUWA PERIKOLUŻ?

— Iddikjara b'mod ċar il-periklu li joħloq il-prodott u għaliex
— Tużax termini jew espressjonijiet li jistgħu jnaqqsu l-perċezzjoni tar-riskju tal-konsumaturi, pereżempju "volontarju"/"prekawzjonarju"/"diskrezzjonali", "f'sitwazzjonijiet rari/speċifiċi" jew billi tindika li ma kien hemm l-ebda inċidenti rrapportati

X'GĦANDEK TAGĦMEL

— Agħti struzzjonijiet lill-konsumaturi biex jieqfu jużaw il-prodott imsejjaħ lura immedjatament
— Spjega b'mod ċar l-azzjoni li għandha tittieħed mill-konsumaturi (pereżempju, ritorn lejn il-punt tal-bejgħ, appuntament skedat għall-ġbir/tiswija interna)

RIMEDJI GĦALL-KONSUMATURI

— Iddeskrivi b'mod ċar ir-rimedji disponibbli għall-konsumaturi fost dawn li ġejjin: it-tiswija, is-sostituzzjoni, jew ir-rifużjoni (f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament 2023/988)
— Indika jekk humiex disponibbli inċentivi addizzjonali (pereżempju skontijiet jew vawċers)

KUNTATT

— Ipprovdi l-indirizz ta' servizz interattiv online (bħal sit web b'formola ta' kuntatt, jew indirizz tal-posta elettronika) u/jew numru tat-telefon bla ħlas fejn il-konsumaturi jistgħu jiksbu aktar informazzjoni bil-lingwa/i uffiċjali rilevanti tal-Unjoni.

Company logo (optional)

Sejħa lura ta’ prodott

Data

[APOLOĠIJA (FAKULTATTIVA)]

[LINKS GĦALL-MIDJA SOĊJALI/SIT WEB (FAKULTATTIVA)]

[KODIĊI QR jew soluzzjoni teknika oħra li twassal għal paġna ta’ sejħiet lura/aktar informazzjoni (FAKULTATTIVA)]

XERRED L-AĦBAR: Għid lil sħabek u lill-familja tiegħek dwar din is-sejħa lura!

Il-logo tal-awtorità tas-sorveljanza tas-suq jekk is-sejħa lura sseħħ wara miżura obbligatorja (fakultattiva)